**5 ta' Novembru, 1991**

**Imħallef: –**

**Onor. Franco Depasquale B.A., LL.D**

George Mallia

*versus*

Teresa Muscat *noe*

## Manteniment tat-tfal

*L-obbligu tal-manteniment tat-tfal jibqa', anke jekk dawn jgħalqu l-età ta' 18-il sena, kemm-il-darba t-tfal jkunu nkapaċitati.*

Il-Qorti: – Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi b'sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-22 ta' April 1987, l-attur ġie ordnat li jissomministra lil uliedu Saviour u Mario aħwa Mallia in lineja ta' alimenti is-somma ta' erba' liri kull wieħed u dan fil-ġimgħa b'dan li l-alimenti dovuti kellhom jitħallsu direttament lill-konvenuta *noe*, omm il-minuri mid-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi fejn kien jaħdem l-attur (Ċitaz. Nru. 1489 / 85 BC fl-ismijiet Teresa Muscat bħala kuratriċi *ad litem* ta' uliedha minuri Saviour u Mario aħwa Mallia *versus* George Mallia);

Premess illi mid-data tal-predetta sentenza l-imsemmi Mario Mallia għalaq tmintax-il sena u għalhekk l-attur m'huwiex tenut

li jissomministralu l-alimenti b'mod li hemm lok għal riduzzjoni fir-retta alimentarja pagabbli sal-lum mill-attur lil uliedu. (Dok. A.);

Talab li din il-Qorti;

1. tiffissa rata ġdida ta' alimenti inferjuri għal dik iffissata mill-imsemmija sentenza ta' din il-Qorti fit-22 ta' April, 1987;

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuta noe.

*Omissis;*

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenuta nomine li fiha eċċepiet:

Illi għandu jiġi kjamat fil-kawża Mario Mallia, billi t-talba għar-riduzzjoni tal-manteniment hija bażata fuq il-fatt illi l-istess Mario Mallia huwa llum maġġorenni u kwindi l-mertu tal-kawża jikkonċerna lilu;

Illi fil-mertu t-talba attriċi għandha tiġi respinta peress illi l-istess Mario Mallia, għalkemm maġġorenni, huwa mentalment ritardat, u mhux f'pożizzjoni li jmantni lilu nnifsu;

Salv eċċezzjonijiet oħra;

*Omissis;*

Ikkunsidrat:

Illi l-attur kien ġie kundannat minn din il-Qorti permezz ta' sentenza tat-22 ta' April 1987 biex jgħaddi liż-żewġ ulied illeġittimi tiegħu s-somma ta' Lm4 kull ġimgħa kull wieħed;

Illi meta ngħatat din is-sentenza dawn iż-żewġ ulied kienu minuri;

Illi l-attur intavola l-kawża odjerna aktar minn tlett snin ilu u fiha talab li tiġi fissata rata anqas peress li l-kbir Mario kien għalaq it-18 il-sena;

Illi għalkemm din il-kawża ila tant żmien ma ġiex preżentat iċ-ċertifikat tat-twelid tal-imsemmi tifel l-ieħor Saviour però skond ix-xiehda li l-konvenuta tat quddiem il-Qorti, mhix kontradetta illum anke iż-żgħir għalaq it-18 il-sena u fil-fatt dan Saviour qed jaħdem anzi jidher li hu jgħin ukoll xi ftit lil ommu, il-konvenuta;

Illi dwar il-pożizzjoni tat-tifel l-ieħor Mario, li minħabba fih saret din il-kawża, irriżulta li hu ilu li għalaq it-18 il-sena; mill-provi li tressqu jidher li huwa però "ftit mentalment irritardat". Il-konvenuta xehdet li minħabba din l-inkapaċità tiegħu huwa "jirċievi pensjoni ta' Lm63 fix-xahar";

Illi l-konvenuta xehdet li "Jien lit-tifel għallimtu ħafna u llum qiegħed fis-stat illi jekk ikollu bżonn iġib il-pilloli mill-isptar, jaf imur għalihom hu u anke jkolli xi qadja fi *grocer* jien niktiblu kollox fuq karta u hu imur hemm jagħtiha l-karta u jinqeda. Nikkonferma li t-tifel qatt ma kien f'pożizzjoni u qatt ma fil-fatt għamel xi qadjiet lil xi nies biex dawn iħallsuh";

Illi ma nġabrux provi iżjed dwar is-sitwazzjoni tal-konvenuta u ta' uliedha u għalhekk il-Qorti sejra toqgħod fuq dan li ntqal;

Illi hu veru li l-konvenuta eċċepiet li messu ġie mħarrek l-istess "Mario" li dwaru saret oriġinarjament il-kawża, però kemm minħabba l-pożizzjoni ta' dan it-tifel kif ukoll minħabba kif il-Qorti sejra tiddeċidi din il-kawża jidher li ma jkunx opportun li tiġi kunsidrata il-pożizzjoni legali aktar fil-fond;

Illi rriżulta minn dak li tressaq quddiem il-Qorti li Mario għalkemm għalaq it-18 il sena għadu inkapaċitat u għalhekk il-missier jibqagħlu, fiċ-ċirkostanzi tal-każ, l-obbligu li jkompli jmantnieħ;

Illi jidher ukoll li t-talba kienet bażata biss fuq il-premessa li l-minuri Mario ma kienx għadu minorenni waqt li issa irriżulta li fil-mori, tal-kawża anke t-tifel l-ieħor għalaq it-tmintax il-sena u għalhekk biex tevita ekwivoċi inutli sejra tikkunsidra dan il-fatt fid-*decide*.

Għaldaqstant il-Qorti tiddeċidi din il-kawża billi wara li tiddikjara li t-tifel Saviour illum għalaq it-tmintax-il sena u għandu impjieg u għalhekk ma hemmx lok li jitħallas manteniment għaliħ, tiċħad it-talba in kwantu diretta għall-manteniment li l-attur għandu jħallas għall-istess Mario u tikkonferma l-ammont indikat fis-sentenza mogħtija minn din il-Qorti fit-22 ta' April 1987 fir-rigward tal-istess Mario Mallia;

L-ispejjeż jibqgħu bla taxxa.